# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 2734

Kaz Numru 3756/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Ivan Johnston (K.I: 228971 M)

U

Air Malta plc (C 2685)

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 7 ta' Mejju, 2021

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 3 ta' Mejju, 2019 permezz ta' l-Avukat Andre' Portelli f'isem is-Sur Ivan Johnston. Min-naha l-ohra s-socjeta' Air Malta plc irrispondiet fis-27 ta'Gunju, 2019 permezz ta' l-Avukati Aaron Galea Cavallazzi u Stefan Cutajar.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-ligijiet ta' Malta, t-Tribunal ma setax jiddeciedi l-kaz fil-perjodu stipulat mil-ligi minhabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

It-Tribunal kellu quddiemu kaz fejn ir-rikorrent is-Sur Ivan Johnston kien bdot ta' l-Air Malta u li ghal xi zmien kien qed jibbenefika minn facilita' ta' *leave* minghajr hlas offruta mill-kumpanija. Din il-facilita' kienet tippermetti li bdoti ta' l-Air Malta jahdmu ghal xi zmien definit ma' kumpanija ohra waqt li jibqghu mpjegati ta' l-Air Malta. Fl-2018 is-Sur Johnston kien applika biex possibilment jerga jibbenefika minn skema ta' *Special unpaid leave* li l-Air Malta kienet harget ghall-bdoti taghha. Ir-rikorrent jghid li hu kien inghazel taht din l-iskema bhala wiehed mill-bdoti beneficjarji. Pero', minkejja dan is-Sur Johnston jallega li l-kumpanija regat lura mill-kelma taghha u minflok ordnatlu jirritorna lura Malta u jerga' jiehu l-pozizzjoni tieghu bhala bdot ma' l-Air Malta. Fin-nuqqas li jaghmel dan il-kumpanija kienet titterminalu l-impjieg kif effettivament sehh f'Marzu tal-2019. Ghalhekk ir-rikorrent allega tkeccija ngusta u talab li jew jerga' jigi mpjegat mal-kumpanija mill-gdid bl-istess kondizzjonijiet li kien igawdi qabel ma gie terminat jew jinghata kumpens dovut.

Minn naha l-ohra l-kumpanija argumentat li r-rikorrent gie terminat mis-socjeta' ntimata ghal raguni tajba u bizzejjed skont il-ligi, l-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent u l-ftehim kollettiv bejn is-socjeta' esponenti u l-*Association of Airline Pilots Malta* (ALPA). Il-kumpanija esponenti tghid li ma ghandha ebda responsabilita' jew obbligu li thallas xi forma ta' kumpens jew danni lir-rikorrent.

**Fatti tal-kaz**

Is-Sur Ivan Johnston kien impjegat bhala Junior First Officer fil-11 ta' April, 2001 fuq kuntratt *full time* indefinit. Sussegwentement, il-kariga tieghu mal-kumpanija inbidlet ghal dik ta' First Officer.

Fl-2010 ir-rikorrent kien ibbenefika minn koncessjoni ta' *unpaid leave* offruta mill-kumpanija permezz ta' ittra datata 21 ta' Ottubru, 2010 u dan kien ghal perjodu ta' madwar sitt (6) xhur. Din il-koncessjoni kienet anki estiza ghal

numru ta' drabi sakemm ir-rikorrent irritorna lura sabiex jaqdi r-rwol tieghu bhala bdot ma' l-Air Malta f'Mejju tal-2014.

Fl-2016 is-Sur Johnston kien rega' talab biex jinghata koncessjoni ohra ta' *unpaid leave* liema talba intlaqghat nhar l-4 ta' April, 2016. Din il-koncessjoni kellha tigi fi tmiemha nhar it-28 ta' Frar, 2018 Ref Dok IJ5.

Fis-26 ta' Jannar 2018 il-kumpanija ntimata u l-*Association of Airline Pilots Malta (ALPA)* waslu fi ftehim fuq skema gdida ta *Special Unpaid Leave scheme and a reduced hours scheme*. Din l-iskema kienet tippermetti li tal-anqas zewg bdoti ta' l-Air Malta setghu jigu rilaxxati sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Ottubru, 2018 fuq *"special unpaid leave*" fuq bazi ta' sistema *"first come first served basis".* L-ghazla tal-persuni ghal dan il-beneficcju kien sa jsir abbazi tal-lista tas-*seniority* tal-bdoti – Ref Dok IJ6 u Dok ALPA – Collective Agreement 01.01.2018 – 31.12.2022.

In vista li l-koncessjoni ta' *unpaid leave* li s-Sur Johnston kien qieghed igawdi sa dan iz-zmien kienet sa tiskadi fl-ahhar ta' Frar, 2018 ir-rikorrent talab biex jinghata estensjoni, liema talba giet milqugha. Infatti, s-Sur Johnston inghata estensjoni sal-ahhar ta' Mejju, 2018 sabiex ikun jista' japplika ghall-iskema l-gdida u b'intenzjoni li possibilment jibbenefika minnha – Ref Dok IJ5. Ir-rikorrent effettivament applika, liema applikazzjoni giet milqugha ghal konsiderazzjoni tal-kumpanija.

Fis-26 ta' Gunju, 2018 ir-rikorrent talab li jinghata estensjoni ohra ghal *unpaid leave* li kien qed igawdi minhabba li kif spjega hu, wara Mejju 2018 ma kienx kopert b'approvazzjoni formali – Ref JG 9.

Fit-28 ta' Gunju, 2018, ic-Chief Officer Flight Operations irrisponda fejn qallu li dawk kollha li kienu fuq *unpaid leave* gew imsejha lura mal-kumpanija ghaliex l-Air Malta mhux sa tapprova *unpaid leave* ghal tul is-sajf. Infurmah ukoll li l-applikazzjonijiet ghal *special unpaid leave* kienu sa jergghu jigu

konsidrati fil-bidu ta’ Ottubru, 2018. Pero’ c-Chief Officer xorta kien sa jindaga dwar it-talba tar-rikorrent.

Fil-5 ta’ Ottubru, 2018 ic-Chief Officer People and Performance informa lil President ta’ l-ALPA biz-zewg persuni li l-kumpanija kienet ghazlet biex ikunu rilaxxati ghal *Special unpaid leave* – Ref DOK IJ7. Il-President ta’ l-ALPA permezz ta’ emejl datata 17 ta’ Ottubru, 2018 fakkar li l-ALPA invokat l-*‘Status Quo’* skond l-artiklu 8 tal-ftehim kollettiv ghaliex skont l-Assocjazzjoni ma kinitx qablet ma’ l-interpretazzjoni tal-kumpanija u ghalhekk ma qablitx ma’ l-ghazla li saret.

Sadanittant l-ALPA zvelat lis-Sur Johnston li hu kien wiehed mill-maghzula tal-kumpanija u li l-ALPA kienet qed taqbel partikolarment ma’ l-ghazla tieghu.

F’ittra datata 2 ta’ Jannar, 2019 ic-Chief Officer People and Performance nforma lis-Sur Johnston li l-koncessjoni ta’ *leave without pay* kienet skaditlu fl-ahhar ta’ Mejju, 2018 u ghaldaqstant kien mistenni lura ghax-xoghol ma’ l-Air Malta sa l-1 ta’ Marzu, 2019. Is-Sur Johnston kien mitlub jaghmel kuntatt mal-kumpanija, sal-ahhar ta’ Jannar 2019, sabiex jikkonferma l-migja tieghu sal-1 ta’ Marzu u jekk jonqos milli jaghmel dan, il-kumpanija tikkonsidra li r-rikorrent abbanduna l-post tax-xoghol. F’cirkostanza bhal dik, il-kumpanija ntimata kienet titterminalu l-impjieg. Ir-rikorrent kien ukoll informat li l-applikazzjoni tieghu u tal-kandidati l-ohrajn kollha dwar l-iskema ta’ *special unpaid leave* ghadhom pendenti sakemm tinstab soluzzjoni ma’ l-ALPA fuq nuqqas ta’ ftehim dwar l-istess skema.

Fit-18 ta’ Frar, 2019 il-Head of People and Industrial Relations baghat it-training plan lir-rikorrent biex jinfurmah li fl-1 ta’ Marzu, 2019 kellu jirrapporta ghal dan it-tahrig – Ref ED4.

Fil-25 ta’ Frar, 2019 l-Avukat Andre’ Portelli baghat risposta lic-Chief Executive Officer ta’ l-Air Malta l-Kaptan Clifford Chetcuti, f’isem is-Sur

Johnston. Fiha l-Avukat Portelli zamm lill-kumpanija responsabbli ghal dak kollu li s-Sur Johnston jista’ jsofri ghal dak li r-rikorrent iddeskriva bhal decizjoni unilaterali mill-kumpanija. Hu argumenta li l-kumpanija kienet ghazlet lis-Sur Johnston bhala wiehed miz-zewg persuni biex jibbenefika mill-iskema. Barra minn hekk l-avukat tar-rikorrent informa lill-kumpanija ntimata li l-assocjazzjoni kienet incitat l-*‘Status Quo’* ghal dak li kien deskritt bhala ‘pendenza ta’ negozjati’.

Fit-28 ta’ Frar, 2019 il-kumpanija rrispondiet lura fejn cahdet li hija qatt infurmat lis-Sur Johnston li kien wiehed mill-maghzula tal-kumpanija jew li ghamlet xi *commitment* mieghu. Il-kumpanija ntimata argumentat li l-komunika tal-lista tal-ghazla tal-5 ta’ Ottubru, 2018 kienet mibghuta biss lil ALPA bhala proposta, fil-kapacita’ taghha ta’ trade union. Il-kumpanija ziedet tghid li meta l-assocjazzjoni nvokat l-*‘Status Quo’* l-process tal-ghazla twaqqaf u baqa wieqaf. Ghalhekk il-kumpanija regat insistiet li r-rikorrent jirritorna ghax-xoghol fl-Air Malta kif mitlub sal-1 ta’ Marzu, 2019.

Fis-7 ta’Marzu, 2019 il-Head of People and Industrial Relations is-Sur James Genovese baghat ittra ohra lis-Sur Johnston. Fiha fakkru fl-obbligu li kellu biex jirritorna sal- 1 ta’ Marzu, 2019, irrimarkalu li dan ma ghamlux, obbligah li josserva l-istruzzjonijiet tal-kumpanija u nfurmah li fic-cirkostanzi, l-kumpanija kienet qed tikkoncedilu estensjoni ta’ zmien sat-13 ta’ Marzu, 2019 biex jirrapporta ghax-xoghol. Fakkru ukoll li jekk ma jirritornax saz-zmien stipulat minghajr raguni valida, l-kumpanija kienet sa tikkonsidra dan l-agir bhala abbandun tal-post tax-xoghol. Ghaldaqstant tittermina l-impjieg tar-rikorrent.

Is-Sur Johnston ipprezenta protest gudizzjarju numru 115/19 bid-data tat-12 ta’ Marzu, 2019 biex il-kumpanija tiddezisti mill-agir kontemplat fl-ittra tas-socjeta tas-7 ta’ Marzu, 2019.

F’ittra tac-Chief People and Performance s-Sur Cristiano datata 21 ta’ Marzu, 2019 mibghuta lir-rikorrent, fakkru li kellu obligazzjoni jirritorna ghax-xoghol

sat-13 ta' Marzu, 2019, fakkru ukoll fid-diversi komunikati li saru mal-konvenut dwar dan u minhabba li r-rikorrent baqa' ma rrappurtax ghax-xoghol u anqas ipprovda raguni li l-kumpanija setghat tikkonsidra valida, s-socjeta nfurmatu li kienet itterminat l-impjieg tieghu.

Fl-1 t'April, 2019 il-kumpanija pprezentat risposta nr 146/19 ghal protest gudizzjarju tar-rikorrent u rribaddiet l-allegazzjonijiet kollha li ghamel il-konvenut fil-konfront taghha.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ried ihares lejn il-kundizzjonijiet li kienu jirregolaw il-koncessjoni li r-rikorrent kien qed igawdi sa minn qabel ma applika ghall-iskema l-gdida u jara kif il-partijiet wettqu l-obligazzjonijiet u d-drittijiet applikabbli. Ried ihares ukoll lejn il-ftehim li jirregola l-iskema l-gdida u kif il-ftehim gie implementat u anki nterpretat mill-partijiet. Gie nvokat l-artiklu 8 tal-ftehim kollettiv *"Status Quo"* u f'dan ir-rigward it-Tribunal ried jara l-interpretazzjoni mill-partijiet ghal dan il-principju u kemm l-azzjonijiet li segwew il-partijiet kienu konsistenti mal-ligi. It-Tribunal ried ihares ukoll lejn principji ohra mportanti f'kazijiet bhal dawn bhal principju ta' fedelta' lejn il-post tax-xoghol u ragonevolezza ta' l-azzjonijiet. Pero' huwa car li l-partijiet iddedikaw il-parti il-kbira tad-deliberazzjonijiet taghhom ghall-kwistjoni ta' l-interpretazzjoni ta' l-*"Status Quo"* u ghalhekk it-Tribunal jibda mill-ewwel minn dan l-aspett.

<u>Status Quo</u>

Fl-artiklu 1 tal-ftehim tas-26 ta' Jannar, 2019 li gab fis-sehh l-iskema ta' *Special unpaid Leave* jirreferi ghal metodu tar-rilaxx ta' bdoti taht l-iskema u jghid li:

> *The scheme facilitates the release of a number of pilots in Air Malta up to a minimum of 2 pilots employed with Air Malta on*

> *special unpaid leave and not necessarily all at the same time but not later than the 31st October, 2019 and will be based on a first come first served basis. Ref Dok IJ6 article 1*

Ma' dan, l-artiklu 1.11 jispjega, din id-darba, l-metodu ta' l-ghazla tal-bdoti u jghid*;*

> S*pecial unpaid leave approval of eligible crew, for the purpose of this agreement, will be based on the pilot seniority list* – Ref Dok IJ6 article 1.11

It-Tribunal issindika ukoll s-*Seniority List* annessa mal- Ftehim Kollettiv 2018 – 2022 appendix 1.

Wara l-emejl tal-5 ta'Ottubru, 2018 fejn ic-Chief Officer People and Performance wassal ir-rizultat ta' l-ghazla tal-kumpanija lil ALPA, l-istess Chief Officer talab ghal darba darbtejn lil President ta' l-ALPA biex jaghti r-reazzjonijiet tal-Union ghal dan ir-rizultat. Fis-17 ta' Ottubru, 2019, l-ALPA rrispondiet b'mod car hafna;

> *ALPA has already made itself clear that we are not in agreement with Air Malta's interpretation and we invoked Status Quo.*

Minn dan jidher li l-oggezzjoni ta' l-ALPA kienet tirrigwardja il-mod kif il-kumpanija interpretat il-ftehim dwar l-iskema u ghalhekk invokat l- *'Status Quo'.* Dan id-dritt johrog mill- artiklu 8 tal-ftehim kollettiv 2018 – 2022 fejn jghid li;

> *In the event of any dispute arising from the interpretation of this agreement that cannot be immediately settled, whatever practice existed prior to the different interpretation shall be allowed to continue to apply until an agreement is reached or until the statutory procedure*

*for compulsory private conciliation or compulsory private arbitration is exhausted.*

Ghalhekk, l-ALPA kellha d-dritt kollu tincita l-*'Status Quo'* biex twaqqaf lill-kumpanija tiehu l-azzjoni liema azzjoni l-ALPA kienet qed toggezzjona ghaliha. L-azzjoni li l-kumpanija kienet sa tiehu tohrog mill-emejl tac-Chief People and Performance s-Sur Roberto Cristiano fejn kien talab lil President ta' l-ALPA jaghtih feedback dwar l-ghazla tal-kumpanija ghaliex kif spjega s-Sur Cristiano;

*I am sure you will understand that we cannot wait any further. We shall be communicating with our employees tomorrow latest.*

Din kienet l-azzjoni li l-kumpanija kienet fi hsiebha tiehu, li tinforma lill-impjegati taghha bir-rizultat kif elenkat fl-emejl tal-5 ta' Ottubru, 2018.

Ir-risposta ta' l-ALPA fis-17 ta' Ottubru, 2018 kienet cara;

*If Air Malta persists in it's course of action, this will be considered as unilateral action from Air Malta's side which is a direct breach of the ALPA/Air Malta collective agreement with all it's repercussions.*

F'dawn ic-cirkostanzi l-kumpanija ntimata kienet korretta meta waqqfet il-process ta' l-iskema. sakemm kif kontemplat fil-ftehim kollettiv jiskatta l-process li permezz tieghu tista tinstab soluzzjoni. Minn naha l-ohra l-kumpanija kellha d-dmir li tinforma b'dan l-izvilupp lill-kandidati li applikaw u naqset meta dan ma ghamlitux.

It-Tribunal jinnota ukoll il-fatt li filwaqt li l-ALPA zammet lill-kumpanija milli tinforma lill-impjegati b'ghazla li kienet sehhet, kif filfatt kellha d-dritt kollu li taghmel, l-istess ALPA ma ddejqet xejn tizvela hi lir-rikorrent b'dak li kien miktub fl-emejl tal-5 ta' Ottubru anki jekk dan ma kienx kompitu taghha li

taghmlu u anki jekk dik il-lista ta’ l-ghazla kienet suggetta ghal piz ta’ *‘Status Quo’* incitat mill-istess ALPA.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta’ li l-kumpanija kienet korretta li twaqqaf il-process kollu ta’ l-ghazla, liema process kien separat u ndependenti minn kull process iehor li l-kumpanija u l-impjegati taghha setghu kellhom ghaddej fl-istess zmien.

<u>Ksur tal-kuntratt tax-xoghol</u>

Ghalkemm relazzjoni kuntrattwali ta’ bejn min jipprovdi x-xoghol u l-haddiem hija regolata mill-kuntratt ta’ l-impjieg innifsu u l-ftehim kollettiv, din ir-relazzjoni iggorr certu obbligi fundamentali li huma impliciti ghal relazzjoni bhal din. Ewlieni huwa li f’kuntratt ta’ xoghol irid ikun hemm fiducja bejn il-partijiet fejn il-principal ghandu l-intenzjoni li jipprovdi x-xoghol b’kundizzjonijiet gusti u l-haddiem ghandu l-intenzjoni li jahdem fis-servizz tal-principal b’fedelta’. Nuqqas serju f’dan ir-rigward jista’ jwassal ghal ksur fil-kuntratt tax-xoghol.

Barra minn hekk, l-azzjonijiet u l-imgieba tal-haddiem iridu jkunu konsistenti ma’ l-ahjar interessi legittimi tas-servizz tal-principal. Ghalhekk haddiem jara li ma jidholx f’konflitt ta’ nteress meta qed jahdem fis-servizz tal-principal.

Hemm ukoll l-obbligu li kull haddiem ghandu josserva u jsegwi l-ordnijiet legittimi tal-principal u nuqqas serju f’dan ir-rigward jista’ ukoll iwassal ghal ksur fil-kuntratt tax-xoghol.

Il-kazistika Ngliza tati hafna ezempji dwar dan imma anki l-qrati Maltin jenfasizzaw l-importanza li l-imgieba tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol ghandha tkun in buona fede.

It-Tribunal izid li l-haddiem ghandu jara li b'dak li jghid u jaghmel igib 'il quddiem l-ahjar interessi tas-servizz tal-principal u ma jaghmel xejn li jpoggi f'riskju s-sostenibbilita' tas-servizz tal-principal.

Meta l-Air Malta kkoncediet lir-rikorrent koncessjoni biex jibbenefika minn *unpaid leave* diversi drabi tul perjodu ta' snin, il-kumpanija kienet qed toffri opportunita' lis-Sur Johnston li ftit issib bhala f'azjendi ohra. Is-Sur Johnston ghamel uzu legittimu minn dawn il-koncessjonijiet u spjega l-beneficcji vantaggjuzi fis-salarju li kellu mal-kumpanija Comlux Aviation AG kif ukoll l-esperjenza gdida li akkwista.

Il-kumpanija anki marret lil'hinn minn hekk ghaliex meta t-terminu taz-zmien ta' *unpaid leave* kien skada fl-ahhar ta' Frar 2018, il-kumpanija kkoncediet li testendi z-zmien sa l-ahhar ta' Mejju 2018. Dan sabiex is-Sur Johnston ikompli *b'unpaid leave* sakemm japplika ghall-iskema l-gdida, bit-tama li jerga' jibbenefika ghal perjodu iehor ta' zmien fuq *unpaid leave* minghajr ma jkollu jinterrompi l-impjieg li kellu tal-kumpanija Comlux Aviation AG. Atteggjament bhal dan huwa hafna akkomodanti mill-Air Malta u turi attitudni pragmatika u ragonevoli.

Izda meta l-koncessjoni ta' l-estensjoni sa l-ahhar ta' Mejju skadiet, allura kien l-obbligu tar-rikorrent li jirritorna lura anki jekk kif jghid ir-rikorrent kellu talba ghal estensjoni ohra pendenti li risposta ghaliha qatt ma waslet – Ref JG 9 . L-obbligu xorta jibqa'.

Il-koncessjoni ta' Frar 2018 hija koncessjoni separata u ndipendenti mill-process il-gdid li skatta biex issir ghazla gdida ta' zewg bdoti skond il-ftehim tas-26 ta' Jannar, 2018. Ghalhekk il-fatt li isem ir-rikorrent kien imnizzel fil-lista ta' kandidati maghzula taht l-iskema l-gdida ma tatix id-dritt lir-rikorrent ghal estensjoni awtomatika tal-koncessjoni moghtija fi Frar.

Mhux hekk biss, imma l-invokar ta' l-'Status Quo' iddiffida lill-kumpanija milli taghmel kull tip ta' *commitment* ma' xi persuni maghzula minnha, kif filfatt

qatt ma ghamlet, u allura minhabba f'hekk ma' setghatx b'xi mod torigina xi obbligazzjoni minn naha tal-kumpanija lejn xi persuna maghzula minnha inkluz is-Sur Johnston.

Ghalhekk, it-talba tal-kumpanija tat-2 ta' Jannar, 2019 biex ir-rikorrent jirritorna lura ghal xogholu ma' l-Air Malta kienet legittima u ragonevoli. Ir-rikorrent kien qed jintalab li jahdem fis-servizz tal-principal li hija haga bazika f'kuntratt tax-xoghol. Ir-rikorrent kellu l-obbligu li jsegwi dik l-ordni u naqas li jaghmel dan u ghalhekk kiser principju fundamentali tal-kuntratt tax-xoghol.

L-ittri tas-socjeta' tat-18 ta' Frar, tat-28 ta' Frar, u tas-7 ta' Marzu kienu legittimi u kollha ntizi ghal haga wahda biss, dik li r-rikorrent jirritorna lura fis-servizz tal-principal.

Is-socjeta' kienet minflok rinfaccjata b'korrispondenza bbazata fuq il-premessa zbaljata li ghaliex isem ir-rikorrent kien wiehed minn dawk imnizzel fl-emejl tal-5 t'Ottubru, 2018 allura dan jobbliga lill-kumpanija li testendi l-*unpaid leave* minn Mejju 2018 sa l-ahhar ta' Ottubru, 2018 meta skont ir-rikorrent kellu jiskatta l-beneficcju gdid ta' *unpaid leave* ghal perjodu ta' tliet snin.

Il-pozizzjoni li ha r-rikorrent ma turi xejn li kellu xi hsieb li jimxi ma' l-ordni tal-kumpanija u jirritorna lura fis-servizz tal-principal tieghu. Minkejja dan, is-socjeta' regat uriet tama li r-rikorrent jirritorna ghax-xoghol u fis-7 ta' Marzu, 2019 regat akkommodat estensjoni ohra lis-Sur Johnston sat-13 ta' Marzu, 2019 biex jirritorna. Minflok l-Air Malta giet rinfaccjata bi protest gudizzjarju. Dan juri bic-car li r-rikorrent ma kellu l-ebda interess li jahdem fis-servizz tal-principal tieghu ghaliex anki jekk kellu bzonn ftit aktar zmien biex jaghmel l-arrangamenti tat-tluq tieghu minn ma' Comlux Aviation AG, naqas milli jaghmel talba bhal din lill-principal tieghu.

Il-Tribunal jifhem il-bzonn li r-rikorrent izomm kuntatt kontinwu ma' l-ALPA dwar il-kwistjoni ghaliex kif qal tajjeb kien sa jkollha mpatt kbir fuq l-ghejxien tieghu, fuq il-professjoni, u fuq familtu.

Fl-istess hin it-Tribunal ma jifhimx kif sitwazzjoni b'implikazzjonijiet serji daqstant, ir-rikorrent ghazel li jkun f'kuntatt kontinwu u dirett mal-Union imma mhux mal-principal tieghu. Ir-rikorrent jaghzel li jserrah rasu minn dak li tghidlu l-Union u jinjora l-ordnijiet u t-twissijiet legittimi li kienet qed taghmel il-kumpanija.  Huwa jaghzel ukoll li ma jidhirx ikrah ma' min joffrilu mpjieg bhal Comlux Aviation AG u ma jiddejjaq xejn jidhol f'kunflitt ma' l-Air Malta fejn kellu mpjieg permanenti.

It-Tribunal huwa perpless dwar dawn l-ghazliet. Il-Union ghandha rwol importanti hafna fuq il-post tax-xoghol imma ma tinkludix li taghmel xoghol il-Management. Il-fatt li l-Union zvelat lis-Sur Johnston li hu kien fuq il-lista ta' l-emejl tal-5 t'Ottubru ma fissret xejn f'termini kontrattwali. Jekk ir-rikorrent ried *commitment* minghand il-kumpanija dan seta' jakkwistah biss minghand il-principal tieghu li hu l-Air Malta. Jekk ir-rikorrent ried iserrah rasu li l-impjieg tieghu mhux f'periklu kellu jasal fi ftehim mal-principal tieghu li hu l-Air Malta. Jekk ir-rikorrent ma riedx jidher ikrah bit-tluq tieghu minn ma' Comlux Aviation AG kellu jaghmel arrangamenti dwar dan mal-principal tieghu li hu l-Air Malta. Filwaqt li t-Tribunal jara ragonevolezza minn naha tas-socjeta', r-rikorrent wera rigidita' u attitudni ristretta hafna.

Infatti fil-kalkoli tieghu r-rikorrent hares esklussivament lejn l-interessi tieghu personali bhal pjan finanzjarju li kien ghamel u l-uzu ta' l-*early retirement scheme* ta' l-Air Malta. Minn naha l-ohra ma kkonsidra xejn il-bzonnijiet u esigenzi legittimi tal-principal tieghu, li kien ukoll, fl-obbligu tieghu li jaghmel. Minhabba f'hekk sabha difficli biex imexxi 'l quddiem l-ahjar interessi tal-principal ghaliex dawn gew f'kunflitt ma' l-interessi personali. Dan wassal ghal nuqqas ta' fedelta' lejn il-principal u ghaldaqstant ksur fundamentali tal-kuntratt tax-xoghol.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal ezamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddeciedi li r-rikorrent is-Sur Ivan Johnston kien terminat mix-xoghol gustament u t-terminazzjoni ta' l-impjieg minn ma' l-Air Malta kienet skont il-ligi.

**Drittijiet**

It-Tribunal jillikwida id-drittijiet pagabbli lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed u dana ai termini tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986.

**(iffirmat)**

Joseph Gerada
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju